**Laqgha Numru 05/K6/2011**

**Introduzzjoni**

Il-Hames Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 16 ta' Frar 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Fuq talba tal-Kunsill kienet prezenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-sinjura Romina Perici Ferrante.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-8 ta' Frar 2011. L-Agenda kienet:

**01. Rapport Finanzjarju Ottubru – Dicembru 2010.**

**02. Approvazzjoni ta' l-Estimi Finanzjarji 2011 u Business Plan 2011-2013.**

**03. Il-progett tal-Park & Ride.**

## 01. Rapport Finanzjarju Ottubru – Dicembru 2010.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Accountant Romina Perici Ferrante sabiex taghti spjegazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ghall-perjodu Ottubru – Dicembru 2010.

1.02. L-accountant Romina Perici Ferrante spjegat li dan ir-rapport kien kollu rifless fil-Financial Statements ghas-sena 2010 li kien ghadu kif approva l-Kunsill.

1.03. Wara diskussjoni qasira s-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ghall-perjodu Ottubru – Dicembru 2010 kif ipprezentat. **(Ara dok. A)**

1.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Approvazzjoni ta' l-Estimi Finanzjarji 2011 u Business Plan 2011-2013.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Accountant Romina Perici Ferrante sabiex taghti spjegazzjoni tal-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2011 u l-Business Plan ghas-snin 2011-2013.

2.02. Is-Sindku Joe Zammit spjega li l-unika tibdil li kien hemm mir-rapport approvat nhar il-5 ta' Jannar 2011 waqt laqgha numru 01/K6/2011 kien li wara l-laqgha tas-Sindki, fuq struzzjonijiet li hargu waqt l-istess laqgha, vis-a-vis it-tipping fees lill-WasteServ, il-Kunsill ser ihallas biss l-ammont li l-Gvern alloka lill-Kunsill fuq perjodu ta' sena. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona l-approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2011 kif ipprezentati. **(Ara dok. B)**

2.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-unika tibdil li kien hemm mir-rapport approvat nhar il-5 ta' Jannar 2011 waqt laqgha numru 01/K6/2011 kien kif spjegat qabel dwar it-tipping fees kif ukoll ir-rapport tieghu li kien diga ukoll gie ccirkolat. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona l-approvazzjoni tal-Business Plan ghas-snin 2011-2013 kif ipprezentat. **(Ara dok. C)**

2.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.07. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

2.08. Il-Business Plan ghas-snin 2011-2013 gie approvat bi tlett voti favur u zewg voti kontra.

***2.09. Fis-6.30pm l-Accountant Romina Perici Ferrante talbet li tigi skuzata u halliet il-kamra.***

## 03. Il-Progett tal-Park & Ride.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-korrispondenza 46/0736/11/I u ghall-laqgha li saret fil-jiem ta' qabel ma' TM dwar il-progett tal-Park & Ride fejn qal li mill-imsemmija laqgha u mill-pjanti provduti issa lill-Kunsill, jirrizultaw diversi fatturi. Il-kelliem ipprezenta dikjarazzjoni lill-Kunsill **(Ara dok. D)** u abbazi taghha ppropona li l-Kunsill iheggeg lil TM biex fil-laqgha li ser terga' ssir mas-Sur Konrad Pule' fit-2 ta' Marzu 2011, il-Kunsill jinghata garanziji tad-diversi talbiet gustifikati li saru u fin-nuqqas ta' din il-garanzija ppropona biex il-Kunsill jiltaqa' fit-2 ta' Marzu 2011 fil-5.30pm halli jiddeciedi jekk isejjahx konferenza stampa fuq il-post fejn jistieden lir-residenti kif ukoll lir-rapprezentanti politici tad-distrett biex jattendu u jinforma lil kull min jinteressah b'dawn il-punti u jiccarhom ghall-interess ta' kulhadd.

3.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.04. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fis-7.15pm wara li fakkar lill-Kunsilliera li l-laqgha li jmiss ser issir nhar l-Erbgha 23 ta' Frar 2011 fil-5.30pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |